MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 706/2010

**Billy's Operators Ltd**

**C 6778**

**Vs**

**Sandro Grima**

**U b'digriet tal-21 ta' Gunju, 2010 giet kjamata in kawza s-socjeta' Melita Power Services Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premmessi pprezentat fl-4 ta' Gunju, 2010 fejn is-socjeta' attrici tablet illi peress illi s-socjeta' attrici toffri fost servizzi ohra, s-servizz ta' kiri ta' vetturi;

U peress illi s-socjeta' attrici bejn il-perjodi tad-29 ta' Mejju tas-sena 2009 u l-1 ta' Ottubru tas-sena 2009 kriet numru ta' vettura jew vetturi lill-konvenut;

U peress illi l-konvenut baqa’ ma hallasx l-ammont dovut ghal tali kiri ta’ vetturi, liema somma tammonta ghal €3281.58;

U peress illi l-konvenut gie debitament interpellat sabiex ihallas l-ammont ta’ tliet elef, mitejn u wiehed u tmenin Ewro u tmienja u hamsin centezmu (€3281.58) rapprezentanti f’kera ta’ vettura jew vetturi bejn il-perjodu tad-29 ta’ Mejju tas-sena 2009 u l-1 ta’ Ottubru tas-sena 2009 u huwa baqa’ inadempjanti (ara Dok. BB1);

Ghalhekk l-konvenut qieghed jintalab ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tliet elef, mitejn u wiehed u tmein ewro u tmienja u hamsin centezmu (€3281.58) rapprezentanti f’kera ta’ vettura jew vetturi bejn il-perjodu tad-29 ta’ Mejju tas-sena 2009 u l-1 ta’ Ottubru tas-sena 2009;

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata t-21 ta’ Jannar tas-sena 2010 (ara Dok. BB2), kif ukoll ta’ l-ittri l-ohra legali, bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tal-kirja tal-vetturi sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa ngunt min issa ghas-subizzjoni.

Illi wara li l-konvenut gie debitament notifikat huwa pprezenta risposta fit-18 ta’ Gunju, 2010 fejn ecepixxa l-esponent konvenut jichad it-talbiet tas-socjeta’ attrici u jitlob lil dan it-Tribunal jiddikjara l-istess talbiet bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont kollu pretiz minnha jirreferi ghal kiri ta’ karozzi li l-esponent kien innegozja unikament u esklussivament in rapprezentanza tas-socjeta’ Melita power Services Ltd (C 41892) li taghha kien, izda m’ghadux direttur, liema vetturi kellhom fil-fatt jintuzaw ghal/minn impjegati ta’ l-istess socjeta’ Melita Power Services Limited u dan anki kif kien diga spjegat ghal diversi drabi lis-socjeta’ attrici kif jirrizulta ukoll mir-risposta ghall-ittra ufficjali mibghuta lill-esponent kif ukoll mill-ittra legali mibghuta minnu ukoll (Dok  SG 1-4) u kif jirrizulta ukoll mid-dokument BB1 prezentat mis-socjeta’ attrici nnifisha;

Illi ghal dan il-ghan l-esponent qed jitlob ukoll il-kjamat in kawza tas-socjeta’ Melita Power Services Limited (C 41892);

Bl-ispejjez ta’ din il-kawza kif ukoll tar-risposta ghal ittra ufficjali u l-ittri legali mibghuta lilha mill-esponent.

B’rikors ipprezentat fit-18 ta’ Gunju, 2010 mill-konvenut sabiex tigi kjamata in kawza s-socjeta’ Melita Power Services Ltd li min naha taghha ipprezentat risposta fejn eccepiet is-socjeta’ kjamata in kawza Melita Power Services Ltd teccepixxi li t-talbiet attrici fil-konfront taghha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, stante korenza ta’ relazzjoni guridika bejn is-socjeta’ eccipjenti u dik attrici.

Bl-ispejjez.

Xehed Manuel Bananno in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici fejn qal ill lil konvenut kien jafu kemm ghax jikri l-karozzi minghadu kif ukoll ghax jahdem fl-uffucju faccata tal-ufficju tieghu. Dan ix-xhud qal illi ghal kiri dejjem kien jaf lil konvenut imam meta gie biex johrog l-invoice l-konvenut qallu biex jibghat l-invoice fl-indirizz tas-socjeta’ kjamata in kawza. Dan ix-xhud spjega li l-ammont pending huwa ta’ tliet elef, mitejn u tmein ewro u hamsin centezmu (€3280.50).

ix-xhud qal illi wara li l-kont baqa’ pendent kien iltaqa’ mal-konvenut u qallu b’dan izda l-konvenut infurmah illi ma kienx ghadu direttur f’dik il-kumpanija u qallu biex ikellem lill wiehed certu alex ghall-hlas.

Xehed Natalino Gauci in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici u l-kariga tieghu hija dik ta’ skrivan. Jaf lil konvenut peress illi kien imur ghandu biex jikri u l-konvenut kien iffirma formola biex beda jikri u dakinhar ma semmiex kumpaniji involuti. Il-kumpanija ssemmiet bhala indirizz fejn kellhom jintbaghtu l-invoices. In kontro ezami pero dan ix-xhud jiftakar illi kienu jigu l-impjegati ta’ Melita Power Services Ltd u jibdlu l-karozzi. Ikkonferma ukoll illi meta wahda mill-karozzi mikrija kienet involuta f’incident kienet qed tigi misjuqa minn impjegat ta’ Melita Power Services Limited. In kontro ezami dan ix-xhud imbaghad jghid illi Melita Power Services Ltd ma intuzatx bhala indirizz izda biex thallas il-kontijiet.

Permezz ta’ affidavit xehed Sandro Grima fejn qal illi huwa kien direttur tal-kumpanija Melita Power Services Limited u kien jiehu hsieb l-amministrazzjoni

taghha ta’ kuljum. Irrizenja minn din il-kariga fl-20 ta’ Ottubru, 2009. Qal illi meta kien ghadu Direttur kien ikkuntatta mas-socjeta’ attrici ghal kiri ta’ karozzi, u dan fil-parti tieghu ta’ Direttur. Wahda minn dawn il-karozzi tal-kiri kellha tkun ghal Joe Deguara biez juzaha bhala company car. Dan kien maghruf f’laqgha tal-kumpanija. Jispjega illi minghand Billy’s peress illi ftit qabel kien kera karozzi personali ghalih li ghalija hallas cash hu stess u ghalhekk kien jaf x’servizz ghandhom. Meta mar it-tieni darba qalilhom biex il-kontijiet johorgu fuq Melita Power Services Ltd u dan gie kkonfermat mix-xhieda tas-socjeta’ attrici.

Xehed Bruce Bonnici li kien sales representative ta’ Melita Power Services. Xehed illi bhala sales representative kellu l-fuel imhallas mill-kumpanija pero’ jaf illi l-impjegati l-ohra kellhom karozza tal-kumpanija. Jaf illi dawn l-affarijiet kien kiehu hsiebhom Sandro Grima.

Xehed Alexander Gatt li l-kariga tieghu hija dik ta’ segretarju mal-Melita Power Services Ltd. Qal illi jaf li ma kienx hemm laqgha ghal qbil dwar kiri ta’ karozzi u jekk ftehmu kienet laqgha tard. Jgghid ukoll ill ma rcieva ebda email f’dan is-sens. Ikkonferma pero’ illi l-impjegati tas-socjeta’ kjamata in kawza kienu juzaw karozzi mikrija u illi kienu minghand is-socjeta’ attrici.

Jghid illi qatt ma kkontestaw dawn il-kontijiet u wara li rrizenja l-konvenut bdew jircevuhom. Ikkonferma ukoll illi dawn l-invoices kienu rcevewhom u dahlu fl-accounts.

Xehed Pierre Balzan li kkonferma li fid-dati tal-invoices Sandro Grima kien ghadu Direttur. Qal illi l-karozzi li kienu jikru kienu jikruhom minghand Europa Car peress illi kien involut fiha hu pero’ l-kumpanija ma kinietx eskluza li tikri minghnad xi hadd iehor.

It-Tribunal semgha x-xhieda u ra d-dokumenti pprezentati.

Fir-rigward tat-talba tal-attur johrog car kemm mir-risposti tal-konvenuti, kif ukoll mill-affidavits prezentati u x-xhieda, il-fatt li l-attur hu kreditur ta’ somma tammonta ghal €3281.58 dovut ghal kiri ta’ karozzi mhux kontestat. Kemm il-

konvenut Sandro Grima kif ukoll is-socjeta’ kjamata in kawza ma jikkontestawx li l-ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici. Il-konvenut Sandro Grima fl-affidavit tieghu datata it-tnax (12) ta’ Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) stqar illi ‘*jien kont ikkuntrattajt ma’ din is-socjeta’ ghall-kiri tal-vetturi li Melita Power Services kien se jkollha bzonn ghall-impjegat/i taghha.’* Dan kien anke kkonfermat minn Bruce Bonnici persuna li kien impjegat mal-kumpanija Meltia Power Services Ltd meta kienet saret il-kirja tal-karozza minghand l-attur. Dan ukoll stqar fl-affidavit tieghu illi ‘*Dan il-kiri kien isir minghand Billy’s tal-Mellieha.’* Natalino Grima rapprezentant tal-esponenti fix-xhieda tieghu datata it-tletin (30) ta’ Marzu, elfejn u hdax (2011) iddikjara illi ‘*Qed nigi muri document li jinsab esebit a fol 30 tal-process, u nghid illi meta persuna jigi biex jikri vettura hija din il-formola li wiehed jiffirma. U fil-fatt il-konvenut kien iffirma dab id-dokument l-ewwel darba li gie ghandna. Dak inhar ma kienx semma’ illi kien hemm xi kumpanija involuta. Kien aktar tard li eventwalment gie infurmani li l-invoices kellhom jintbaghtu lill-Kumpanija Maltija. Ma kienx urieni xi document biex jiggustifika ghalfejn kellhom jinhargu l-invoices fuq din is-socjeta’.*

Il-fatt illi vetturi kienu nkrew minghand l-esponenti kien anke ikkonfermat minghand Alexander Gatt, segretarju fis-socjeta’ Melita Power Services Limited. Ix-xhud fix-xhieda datata it-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Gunju, tas-sena elfejn u hdax (2011) staq illi ‘*Vera naf illi kien hemm kirjiet minn ghand is-socjeta’ attrici. Gieli ircievejna invoices ukoll minn ghand is-socjeta’ attrici….Min-naha tieghi personali qatt ma ikkontestajt dawn l-invoices.’* Minn naha l-ohra Pierre Balzan fix-xhieda datata it-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Mejju, tas-sena elfejn u tnax (2012) xehed illi ‘*Jien sirt naf li kien hemm ftehim bejn Sandro Grima mas-socjeta’ attrici’, li kien hemm ftehim bejn Sandro Grima mas-socjeta’ attrici sirt naf b’dan min din il-kawza.’* Din turi li s-socjeta’ kjamata in kawza qieghda tikkontesta li l-kirja saret ghan-nom tas-socjeta’ Melita Power Services Limited. Ix-xhud Natalino Grima fix-xhieda tieghu datata t-tmintax (18) ta’ Frar, tas-sena elfejn u tlettax (2013) spjega illi ‘*Fuq domanda specifika illi l-konvenut Sandro Grima rritorna l-karozza wara li spiccat il-kirja tieghu illi ghaliha hallas, jiena nghid illi le ma gietx ritornata. Jien nispjega illi meta jkun hemm kirja ta’ karozza li ghaliha tkun thallset imbaghad ikunu jridu jzommuha iktar dik ghalina tigi extension of hire li gara f’dan il-kas.’* Dawn ix-xhieda hawn fuq

citati juri illi filwaqt li saret ammissjoni da parti tal-konvenut Sandro Grima rigward il-fatt li kien kera vettura minghand l-attur, l-istess konvenut allega lid an sar bhal direttur tal-Kumpanija Melita Power Services Limited u ghalhekk in rapprezentanza tal-kumpanija. Waqt li s-socjeta’ kjamata in kawza ma taqbilx li l-kirja tghajjat lilha. Madankollu, bl-ebda mod m’huwa kkontestat il-fatt li kien hemm kiri ta’ vetturi minghand l-esponenti u l-fatt li l-pagament ghadu dovut.

Fir-rigward muri mill-konvenuti huwa responsabbli ghal dan il-hlas. It-Tribunal jaqbel illi tenut kont ta’ dak kollu li rrizulta matul il-mori ta’ din il-kawza, ghandu jirrizulta li l-esponent mhux biss wera li huwa m’huwiex il-legittimu kontradittur tal-kumpanija attrici izda sahansitra wera li kif dejjem sostna, kwalsiasi kreditu pretiz mill-kumpanija attrici ghandha twiegeb ghalih il-kumpanija kjamata in kawza li certament kien/u il-haddiem/a taghha li ibbenefikaw mill-kirja li ghaliha jirreferi l-ammont mitlub.

Irrizulta ukoll li meta giet ordnata l-imsemmija kirja, l-esponent kien informal ill-kumpanija attrici li din kellha tkun a karigu tal-kumpanija kjamata in kawza tant li talabhom sabiex jibghatu l-invoices lill-istess kumpanija, u li huwa ghaldaqstant kien qed jagixxi, kif kellu s-setgha li jaghmel, bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija kjamata in kawza li ghandha personalita’ guridika distinta li tippermetti lit kun l-istess kumpanija separatament u individwalment li titqies li ghandha twiegeb ghall-ammont pretiz.

Illi huwa l-Art dwar il-kumpaniji (Kapitolu 386 tal-Ligijiet ta’ Malta) nnifsu li fl-Artikolu 4 (4) tieghu jipprovdi li:

(4) Soċjetà kummerċjali għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membru jew tal-membri tagħha, u l-imsemmija personalità ġuridika tibqa’ sseħħ sakemm l-isem tas-soċjetà
kummerċjali ma jiġix imħassar mir-reġistru, u b’hekk is-soċjetà kummerċjali tieqaf teżisti.

Illi fis-sentenza moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-18 ta’ Novembru 2013, fil-kawza fl-ismijiet S.R.A.M Limited Vs Geomike Limited u John Gauci,

b'konferma ta' kemm kumpanija ghandha titqies li ghandha personalita' guridika distinta minn dik tal-membri taghha u anki mid-diretturi taghha, saret referenza ghal dak li gie anki kkonsidrat f'kawzi ohrajn[1] meta rreferiet ghas-segwenti f'pagna 9 tal-istess sentenza u cioe' li:

"*…d-diretturi ghandhom jitqiesu bhala agenti jew mandatarji tal-kumpanija li tgawdi personalita' guridika u indipendenti mill-membri li jikkomponuha….According to law, directors, in their dealings with the company are the mandataries of, and in their internal dealings with third parties are the agents of the company. In the former case the general principles of the law of mandate and in the latter case those of the law of agency would apply (F.Cremona, The Law on Commercial Partnerships in Malta, p. 108)"*

Min-naha taghhom ir-rapprezentant u/jew ex-impjegat tal-kumpanija attrici urew l-gharfien li l-kirja kienet intalbet mill-esponent ghall-beneficcju tal-kumpanija kjamata in kawza fil-waqt li s-segretarju tal-kumpanija kjamata in kawza ikkonferma li din il-kirja bbenefikat minnha l-istess kumpanija u li l-invoices sahansitra kienu dahlu fl-accounts tal-istess kumpanija;

Illi in vista ta' dan il-fatt, is-sentenza li ghaliha ssir referenza fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-kumpanija attrici fl-ismijiet Kerber Securities Ltd vs Aquilina Marco u dak kwotat minnha ma jistax jitqies applikabbli ghal dan il-kaz stante li f'din il-kawza mill-provi jirrizulta li l-kumpanija attrici kienet taf mhux biss bl-ezistenza tal-kumpanija kjamata in kawza izda sahansitra li l-kirja kient qieghda tintalab ghaliha.

Illi ghaldaqstant, l-esponent certament ma ghandux jinzam responsabbli ghal kwalsiasi talba ta' hlas imressqa mill-kumpanija attrici u jekk jigi kkonsidrat li hemm kwalsiasi ammont li baqa'dovut, ghandha tkun il-kumpanija kjamata in kawza li twiegeb ghal tali ammont.

---

[1] Cathernine Galea v. Milica Micovic noe, Citaz. Nru. 271/93 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Novembru 1995 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Novembru 2011; Dr. Ian Refalo noe v. David v. Boweck et, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Marzu 1983.

Illi kif spjegatpermezz ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appel Civili (Inferjuri)[2] deciza fil-15 ta’ Dicembru 2003:

*“Indubbjament, il-kjamat in kawza huwa parti in kawza u meta ammess ghall-integrazzjoni tal-gudizzju, jirrivesti l-libsa ta’ konvenut u jista’ ghalhekk jigi kkundannat jew liberat mit-talba.”*

Ghal dawn il-motivi u ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta u jiddecidi billi jilqa t-talbiet attrici ghal hlas ta’ tliet elef, mitejn u wiehed u tmein ewro u tmienja hamsin centezmu (€3281.58) u jikkundana lis-socjeta’ kjamata in kawza Melita Power Services Limited thallas dan l-ammont lis-socjeta’ attrici bl-imghax legali mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv. Filwaqt illi tillibera lil konvenut u tilqa’ l-eccezzjoni tieghu.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu mis-socjeta’ kjamata in kawza Melita Power Services Limited.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[2] Gaetano Sammut f’ismu propju u ghan-nom talassenti Joseph Sammut u b’digriet ta’ l-1 ta’ Novembru 2002 stante l-mewt ta’ Gaetano Sammut fil-mori tal-kawza, il-gudizzju gie trasfuz f’isemn Charles Sammut bhala l-uniku eredi ta’ l-attur Gaetano Sammut kif ukoll ghan-nom ta’ l-assenti Joseph Sammut vs Pauline Sammut